

*Il-Pellegrini fuq l-Għolja tal-Kwarantena*

# Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa

Il-komunità tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex għamlet pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa.

Biex niksbu aktar dettalji dwar kif bdiet din l-idea u l-iskop wara dan il-pelegrinaġġ, tkellimna mar-Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Dun Daniel Xerri, li beda biex qalilna illi l-idea nibtet fil-bidu ta' din is-sena ta' formazzjoni meta ġiet magħżula bħala tema-gwida għal din is-sena il-kelma ta' Ġesù: "Sejjaħtilkom ħbieb" (Ġw 15,15). "…Li mmorru bil-preżenza tagħna f'dawk il-postijiet fejn l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna, għadda jagħmel il-ġid, fejjaq u għallem, miet u rxoxta, kien mod mill-aktar qawwi biex inħossu aktar mill-qrib il-preżenza ta' Kristu u nikbru fl-għarfien tiegħu u fil-ħbiberija tagħna miegħu. L-iskop tal-Pellegrinaġġ għalhekk kien l-ewwel u qabel kollox wieħed spiritwali. Xi ħaġa partikulari kienet fil-fatt il-mumenti ta' talb u skiet li kkaratterizzaw dan il-Pellegrinaġġ...".

Dun Daniel żied jgħidilna illi din l-esperjenza għenithom ukoll jibnu fihom ċerta kultura biblika li hi tant meħtieġa fl-istudju ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Li żżur il-Palestina, tiltaqa' man-nies tal-post u tara kif igħixu, titkellem magħhom u tidħol fil-mentalità tagħhom, huwa mod mill-aktar utli biex tifhem aħjar l-Iskrittura u l-kuntest li fih inkitbet. Għalhekk fis-snin tal-formazzjoni fis-Seminarju, fejn l-istudju ta' l-Iskrittura għandu post speċjali, esperjenza bħal din kienet tassew f'waqtha u huwa mixtieq li esperjenzi oħra bħal dawn isiru anke fil-futur, b'tali mod li dawk li jkunu qed jitħejjew għas-saċerdozju jkollhom iċ-ċans li, almenu darba fis-snin tal-formazzjoni tagħhom, ikunu żaru dawn il-postijiet jew postijiet oħra marbuta ma' l-istorja tas-salvazzjoni.

Il-Pellegrinaġġ offrielhom wkoll l-opportunità li jgħixu, f'ambjent differenti mis-Seminarju, l-esperjenza ta' komunità, fejn tassew ħassewhom li kienu familja waħda: is-seminaristi u s-saċerdoti responsabbli mill-formazzjoni tagħhom, l-Isqof, is-Sorijiet tas-Seminarju u xi saċerdoti oħra mpenjati fil-formazzjoni. Il-preżenza ta' Mons. Isqof Grech magħhom kienet sinjifikattiva ħafna għax barra milli tathom il-possibiltà li jgħixu aktar mill-qrib miegħu għal ftit ġranet, kompliet turi u ssaħħaħ l-għaqda tagħhom miegħu bħala Seminarju tad-djoċesi.

It-tmexxija tal-Pellegrinaġġ kienet f'idejn Patri Twanny Chircop OFM, Kummissarju Malti fl-Art Imqaddsa, espert fil-qasam ta' l-Iskrittura u midħla sew ta' dawn il-postijiet. Dan kompla jgħin biex l-esperjenza tilħaq l-iskop tagħha minn kull aspett.

Anke ż-żmien li għażlu għal din l-esperjenza, proprju fir-Randan, kien żmien privileġġjat biex igħinhom jidħlu aktar fl-ispirtu tal-misteru ta' l-Għid li seħħ f'dawk il-postijiet għeżież.

Ir-Rettur Dun Daniel temm igħidilna li huwa ttamat li din l-esperjenza tħalli marka profonda fil-qalb ta' kull min ħa sehem fil-Pellegrinaġġ b'tali mod li nsiru dejjem aktar veri "ħbieb ta' Ġesù".

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Dun Joseph Bajada (viċi-rettur), Dun Daniel Xerri (rettur),* **Noel Debono**, **Maximillian Grech**, *l-E.T. Mons. Mario Grech (Isqof ta' Għawdex),* **Francesco Pio Attard**, **Simon M. Cachia**, *u Dun Joseph Farrugia (direttur spiritwali).*

# Erba' Letturi ġodda għad-Djoċesi Għawdxija

Nhar il-Ħadd 24 ta' Frar, it-tielet Ħadd tar-Randan, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-kolleġġjata u bażilika tal-Viżitazzjoni, fl-Għarb, li fiha ta l-Ministeru tal-Lettorat lil erba' seminaristi tad-djoċesi. Dawn jinsabu fil-ħames sena ta' formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria. Dawn huma Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia mill-parroċċa ta' San Ġorġ (Victoria), Noel Debono mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl (Nadur), u Maximillian Grech mill-parroċċa tal-Katidral ta' l-Assunta (Victoria).

Il-Lettorat, li hu wkoll l-ewwel Ministeru mogħti fil-formazzjoni lejn l-Ordni Sagri, hu l-mandat tal-Knisja biex wieħed jista' jħabbar il-Kelma ta' Alla fil-liturġija tagħha, fost l-oħrajn billi jkun lettur uffiċjali waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Ir-rit ta' l-għoti ta' dan il-Ministeru ngħata eżatt wara l-omelija.

Fl-omelija tiegħu l-Isqof ħa spunt mill-qari tal-ġurnata biex tkellem fuq l-għatx ta' ħafna llum li, bħall-mara Samaritana li Ġesù ltaqa' magħha ħdejn il-bir ta' Ġakobb, ifittxu tweġiba għal ħajjithom fil-Kelma ta' Alla, li l-Knisja għandha l-missjoni speċjali li xxandar bil-qawwa. Meta wieġbu "Hawn jien" quddiem l-Isqof, dawn l-erba' seminaristi kienu qed joffru d-disponibbiltà tagħhom li jkunu qaddejja tal-Kelma, u b'impenn u responsabbiltà jagħtu xhieda tagħha quddiem dawk li għadhom ma għarfux lil Kristu jew għalkemm irċivew il-fidi baqgħu bogħod mittempju tiegħu. Din l-"iva" ta' dawn l-erbgħa timla lill-Knisja bil-ferħ, u hi titlob għalihom biex jaqdu b'fedeltà din il-missjoni ġdida fdata lilhom. "Bħal Mosè li ħabbat fuq il-blata biex joħroġ l-ilma bnin, hekk intom tridu tħabbtu fuq il-Kelma biex l-ewwel tagħmluha tagħkom u mbagħad twassluha lill-oħrajn", issokta jgħidilhom l-Isqof. Hu tenna li kulħadd għandu jħossu msejjaħ biex ikun xandar tal-Kelma. Mons. Grech temm l-omelija tiegħu billi stieden lill-miġemgħa ta' familjari, ħbieb u lajċi oħra minn bosta parroċċi, biex titlob għal iktar vokazzjonijiet saċerdotali qaddisa.



*Il-Mejda ta' l-Appostli fil-M.U.S.E.U.M. tas-Subien, in-Nadur.*

# Il-Mejda ta' l-Appostli fil-M.U.S.E.U.M. tas-Subien tan-Nadur

Il-mejda ta' l-Appostli li f'dawn il-ġranet qaddisa qed issir fil-Museum tas-Subien in-Nadur, magħrufa bħala ċ-Ċena tas-Sinjur Ġesù, kif kien iħobb isejħilha Dun Gorg Preca, din is-sena twassalna fl-għoxrin anniversarju tagħha.

Kien bidu fqir ta' ftit żgħażagħ b'ħafna entużjażmu u forsi ftit professjonaliżmu, iżda tul dawn l-għoxrin sena din l-esebizzjoni kompliet titjieb u llum titqies waħda mill-aħjar li jsiru fi gżiritna. Bi ħmistax-il statwa *life size*, kollha xogħol ta' l-artist Naduri James Azzopardi u bi sfond verament bibliku li jirrispetta t-tradizzjonijiet Lhud ta' żmien Ġesù, din il-mejda ta' l-appostli twassal messaġġ dwar l-imħabba tal-Mulej għalina li ried jibqa' magħna permezz tas-sagrament ta' l-Ewkaristija.


# Kalendarji ta' Malta 2008

Għad baqgħalna ftit Kalendarji għal bejgh ta'din is-sena 2008 b'veduti mill-isbaħ ta' Malta




**Prezz SPEĊJALI $5 u jekk triduh impustat żidu $5**
**Ċemplu The Maltese Herald (02) 9637 9992**
**jew iktbu fl-indirizz P.O. Box 330 Merrylands NSW 2160**
**Iċ-Ċekk iktbuh f'isem Lino Vella**